"Mnejn inti, tifla?" saqsieha Ġanni. "Jiena Maltija," weġbitu Kittie "sejra d-dar għand ommi, Ħal-Qormi, minn mnejn ili nieqsa tlittax-il-xahar, meta ġejt Lixandra maz-zija Zolli u issa sfajt waħdi għax l-imsejkna mietet." Ġanni baqa' sieket, daħħal idejh fil-kaxxa, ħareġ ftit tamar tad-digla u newlu lit-tifla. It-tifla ħadet u din, bi tpattija, tât lil Ġanni żewġ gallettini

Ġanni u Kittie għamlu ħbieb sewwa; kielu u lagħbu bejniethom. "Ilagħbu, ilagħbu" qallhom il-baħri fil-waqt li għadda minn ħdejhom imgħaġġel. "Ilagħbu; dalwaqt tibdew tiżfnu." U hekk ġara, għax ftit sigħat wara, is-sema beda jissaħħab, ir-riħ beda jonfoħ, il-baħar beda jitqanqal, u l-vapur beda jitbandal u jagħti għal rasu. Imma Ġanni u Kittie baqgħu hemm fuq il-pruwa, maħruġin barra minnhom bil-ferħ, mitlufin fil-logħba.

Imma jaħasra! Iktar ma beda jersaq il-lejl, il-baħar iktar beda jitqawwa. Kienu għoddhom sa jinfirdu minn xulxin, Ġanni u Kittie xħin, f'daqqa waħda, kolp ta' baħar gerbeb minn tulu fi-art lit-tifel. "Miskin Ġanni; ara għandu d-demm", għajtet Kittie u telqet b'ġirja għal ħdejh biex tagħtih kull għajnuna. Bla ma qagħdet taħsibha darbtejn, niżlet għar-rkubtejha ħdejn ħabibha, ixxuttatlu d-dmija ta' ġbinu u, bil-maktur imżewwaq ta' rasha, ksietlu l-ġrieħi ta' rasu. Minnufih Ġanni ġie mehud fil-kamra, imqiegħed fuq sodda ċkejkna u mgħotti b'liżar abjad. Wara ftit Ġanni stejqen, u kif ra lil Kittie quddiemu daħkilha. "Ma jħossokx aħjar, Ġann?" qaltlu t-tifla. "Iva, Kitt: issa xejn m'għandi, mur istrieħ inti wkoll, Kittie. Il-lejl it-tajjeb". "Il-lejl it-tajjeb", wieġbet it-tifla, u nfirdu.

Imma ma kienx ilhom li ħallew lil xulxin nofs siegħa, meta riefnu kbir infetaħ fuqhom b'qilla tal-biża'. Ir-riħ beda jvenven u jsaffar mal-ħbula u s-sarsri tal-arbli, il-beraq beda jleħħ waħda f'waħda, is-sajjetti jfaqqgħu bla ma jaqtgħu; il-baħar sar bħal widien u muntanji u l-imsejken vapur tiela' u nieżel jitbandal mal-ħalel ragħwin, jistenna biss li jogħdos u ma jerġax jidher iktar. O xi kruha ta' lejl! Kont tistħajlek ta' bilħaqq fl-aħħar tad-dinja! Imma, maż-żerniq il-baħar ittejjeb; iżda l-vapur, imgħattan u nofsu mfarrak bid-daqqiet tal-mewġ qawwi, issa beda jagħmel l-ilma.

"Id-dgħajjes il-baħar", għajjat il-kaptan mill-kruċetta tiegħu—"id-dgħajjes il-baħar, għax il-vapur nieżel";—imma l-imsejken kaptan kien għadu ma jafx li mis-sitt dgħajjes



imdendlin mal-krejnijiet waħda biss kien baqa' sħiħa, għax l-oħrajn ġew imfarrkin jew meħudin mill-baħar.

Wara ħafna taħbit, il-baħrin niżżlu dik id-dgħajsa l-baħar, qabżu ġe' fiha u magħhom niżżlu xi passiġġieri. F'kemm ili ngħidlek, id-dgħajsa mtliet bħal bajda u ma kienx hemm wisgħa fejn toqgħod labra. U f'dak il-ħin sewwa, dehru resqin fuq il-pruwa, mgħannqin flimkien fuq driegħ wieħed, Ġanni u Kittie b'ħaddejhom sfajrin daqs il-qarsa tax-xemgħa.

"Wieħed minnkom biss jinżel magħna", għajjat il-baħri minn qiegħ id-dgħajsa. "Ejja inti Ġann, għax iktar ħafif u m'hemmx żmien x'nitilfu". Għal dan il-leħen Kittie nħasdet, tbikkmet u d-dmugħ qabeż minn għajnejha. Ġanni ħares lejha bil-ħniena u, kif flieha minn fuq s'isfel, fuq il-libsa tagħha, lewn il-krema, ftit il-fuq minn qaddha, sew sew in-naħa ta' qalbha, lemaħ it-tbajja' tad-demm li kienet iċċappset bih fil-jum ta' qabel meta fisqietlu l-ġrieħi ta' rasu.

Għal dik id-dehra, Ġanni ħass bħal tferfira ma' ġismu kollu, qalbu bdiet tħabbat għax, għalkemm ċkejken, fehem aħjar il-kobor ta' mħabba li biha ħabbitu t-tfajla. "Mur inti minn floki, Kitt"—qalilha minnufih Ġanni. "Immorru t-tnejn, Ġann," qaltlu t-tifla bi ħlewwa ta' mħabba; imma kienet għadha ma temmetx l-aħħar kelma, xħin baħri ieħor ħatafha minn taħt abtejha u newwilha lill-baħrin tad-dgħajsa.

Id-dgħajsa ma kenitx tiflaħ iżjed, u qajla qajla nfirdet u tbegħdet mill-vapur ta' ħdejha. Ġanni u Kittie nfexxew f'bikja; iżda, fil-waqt li t-tfajla għaddset rasha f'qiegħ id-dgħajsa, Ganni nxteħet għar-rkubtejh fuq il-gverta, għaqqad idejh quddiem sidru u, bħal anġlu ċkejken, refa' 'l fuq għajnejh idemmgħu, bexxaq xuftejh għal talba, u reħa ruħu f'idejn il-ħniena t'Alla. Meta, imbagħad, Kittie refgħet rasha biex tagħti l-aħħar tislima lill-maħbub tagħha, il-vapur u Ġanni ma dehrux iktar.

P. Pawl Tabone o.f.m.

6/VII/'41

TAGĦRIFA — F'ħarġa oħra "Il-Malti" iġib kitba fit-tul dwar is-sur Fons Marija Galea.